**Dak Salibek**

Mulej quddiem ir-relikwa
Tas-Salib imqaddes tiegħek,
Jien ninxteħet ħiemed nitlob
Nitkellem, nitħannen miegħek.

Għat-tbatija tassew ħarxa
Li ġarrabt minħabba fija,
Għedtli int mhux lilek nafda?
Mhux int mitt tassew għalija?

Int, b'dik il-ħlewwa li tant tfejjaq
Int, li miegħek tirraġuna,
Int, li ġid biss joħroġ minnek
Qatt ħsara ma tikkaġuna!

Dak Salibek fl-ostensorju
Kull darba li nħares fiss lejh,
Dak Salibek iqanqalli
l-akbar imħabba safja lejh!

Dak Salibek kemm jgħajjatli
Biex fil-pazjent nagħtik ħajti!
Dak Salibek isammarni
U joħroġni minn kamarti.

Dak Salibek l-ilwien tiegħu
Wara kull lejn jara l-ulied,
Dak Salibek iterraqni
Joħodni 'l bogħod anki fil-wied.

Dak Salibek li jaf jifdi
Kull min jinxteħet quddiemu,
Dak Salibek ibiddilni
F'jiem ta' ferħ li le jeqdiemu!

Mela nista' Ġesù tiegħi
Insakkar Salibek fil-kunvent?
Ma naqsmux mal-morda ħuti?
Għidli, tridni nkun kuntent?

Dak Salibek bis-skiet tiegħu
Jgħallimni nkun tant paċenzjuż,
Quddiem min irid jiblani
Kemm għadu 'l bogħod minn rispettuż!

Dak Salibek vera għaref
Għax minn qalbu jafda 'l kulħadd,

Dak Salibek ifarraġni
Għax iħobb u ma jobgħod ‘l ħadd!

Dak Salibek wisq jurini
Li l-ħajja tinstab fir-rieda,
U mela Patri ħabrieki
Irsisti b’għemejjel siekta!

Għax iċ-ċertifikat tiegħi
Mhux ħa jtihulek l-irrabjat,
Li għadu ma jistax jifhem
Li l-ħajja mhijiex l-irqaqat.

O Salib fehmu ftit inti
Li qed jagħmel plejtu fuq xejn,
Għax illum qiegħed jiblana
Għada ntemm, dan kollu għalfejn?

Għalhekk Missieri Franġisku
O Salib ħadnek b’imħabba,
Għax għaraf li biss bil-ħlewwa
Li l-fejqan fil-qalb jittrabba.

O Salib itfagħlna r-rabja
Li hawn tiġri magħna kull ħin,
Biddel lis-slavaġ u mtaten
Agħmilhom inti qaddisin!

Għax il-qdusija m’hijiex dik
Li niġġieled għall-verità,
Akkost li nkissrek u nweġġgħek
Mingħajr l-ebda ħjiel t’umiltà.

O Salib glorja tal-vittmi
Li jbatu minħabba ħuthom,
Għolli l-imkasbra w l-muġugħa
Reġġa l-ħatja minn dak dnubom.

Għallimhom jisktu w jitolbu
Żommhom int fis-sempliċità,
O Salib, fidwa bil-kotra
Ħudna ilkoll fl-eternità!

Patri Mario Attard OFM Cap
20 ta’ Settembru 2021

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.